**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 11 ta` Settembru 2018**

**Rik. Nru. 571/2017/1 JZM**

**Fl-atti tar-rikors numru 571/2017 JZM ai termini tal-Artiklu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta fl-ismijiet :**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) bhala nominee shareholder ghan-nom ta` l-IAMB Capital Ireland Limited ; ii. Jamrae Capital Corp; iii. Refucan Limited ; iv. Warren Friedland; v. Mondo Investments and Finance Ltd. ; vi. Evan Gregory Hoff ; vii. Andrew James Reader ; viii. Shane Thompson; u ix. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited ; u l-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta` Genesis PFC, socjeta` estera registrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL**

***kontra***

**Pefaco International plc**

***u***

**b`digriet tat-18 ta` Lulju 2017 moghti fil-kawza fl-ismijiet : Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729) bhala nominee shareholder ghan-nom ta` l-AMB Capital Ireland Limited ; ii. Jamrae Capital Corp; iii. Refucan Limited; iv. Warren Friedland; v. Mondo Investments and Finance Ltd.; vi. Evan Gregory Hoff; vii. Andrew James Reader; viii. Shane Thompson; u ix. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited ; u l-Avukat Dr Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali ta` Genesis PFC, socjeta` estera registrata l-Mauritius bin-numru 134001C1/GBL *kontra* Prefaco International plc (Rikors Nru. 571/2017 JZM), is-socjeta` estera GRUPO Pefaco S.L. kienet ammessa tintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li Calamatta Cuschieri Investment Services Limited *et* ("**ir-rikorrenti**") pprezentaw fl-10 ta` Lulju 2018.

Rat id-digrieti taghha tat-12 ta` Lulju 2018 u tad-29 ta` Awissu 2018.

Rat ir-risposta li pprezentat GRUPO Pefaco SL ("**GPSL**") fis-27 ta` Lulju 2018 u dik li pprezentat Pefaco International plc ("**Pefaco**") fit-30 ta` Awwissu 2018.

Rat il-verbal ta` dak li sar fl-udjenza tal-4 ta` Settembru 2018, fejn ir-rikors thalla sabiex jinghata digriet *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

Qabel illum din il-Qorti diga` kellha okkazjoni tipprovdi dwar talbiet li ghamlu l-istess rikorrenti ghal ordnijiet jew mizuri *interim* fl-ambitu tal-kawza li pprezentaw dwar allegati lezjonijiet tal-Art 402(1) tal-Kap 386 u li tinsab pendenti quddiemha. Ghalhekk sejra taghmel li tista` sabiex, filwaqt li tesprimi ruhha kif jixraq dwar ir-rikors odjern, ma tirrepetix dak li diga` kellha okkazjoni tghid.

**Din il-Qorti tishaq illi l-protezzjoni tal-membri ta` kumpannija, b`mod partikolari meta dawn ikunu fil-minoranza, u fejn skont l-istatuti socjetarji tkun tregi r-regola tal-maggoranza, kien minn dejjem sors ta` thassib ghall-qrati. Fil-qasam tal-ligi tal-kumpanniji, it-twettieq ta` d-dmirijiet u l-harsien tal-jeddijiet isibu l-fondament taghhom fit-thaddim tal-*bona fides.* Ghalhekk fil-kaz tar-relazzjoni ta` bejn il-membri ta` kumpannija, dawk il-membri li ghandhom il-maggoranza tal-ishma ma jistghu qatt iwarrbu l-*bona fides* fid-decizjonijiet li jiehdu kemm bhala azzjonisti kif ukoll jekk ikunu diretturi. Fejn si tratta ta` *unfair prejudice actions* is-sahha tal-maggoranza <u>wahedha</u> ma taghtix dritt assolut ghaliex dawk it-tipi ta` azzjonjiet ghandhom bhala sostrat il-principju tal-ekwita`.**

Fil-provvediment li tat din il-Qorti kif presjeduta fid-9 ta` Gunju 2011 fil-kawza : **<u>Lonavi Properties Limited vs Balkan Power Invest Holding Limited et</u>**" : inghad hekk :-

***<u>Ghall-kaz tal-lum</u>,*** *din il-Qorti tghid li ma jidhrilhiex li ghadha tadotta posizzjoni rigida u nflessibbli fl-ghoti ta` interim measures ghaliex* ***the Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order*** *(kif sostna Prof Muscat)* [u cioe` fil-ktieb : Principles of Maltese Company Law : MUP : 2007).

*Jidher li l-Qrati nghataw diskrezzjoni pjuttost wiesgha, kemm biex jiddeciedu jekk kienx hemm agir "mhux gust ta' pregudizzju", u kemm fir-rimedji li jistghu jaghtu. Ghalkemm l-Art.402 isib l-ghajn ta` riferenza tieghu fl-Art.459 tal-Companies Act Ingliza, fejn jidher li dak l-artikolu kien intiz li jipprovdi rimedju <u>definittiv</u> fl-istess waqt irid jinghad li ma jistax jigi eskluz li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz u sitwazzjoni il-Qrati jistghu u ghandhom*

*jaghtu rimedji temporanji, jekk hekk ikun mitlub jew jekk hekk ikun jidher opportun.*

Issir referenza wkoll ghal dak deciz mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza : **Vella et vs Vella Brothers Limited et** : fejn inghad :-

> *Il-hsieb wara dan l-artikolu* (u cioe` l-Art.402) *huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga` taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharrga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*
>
> *Ovvjament, dan ma jfissirx li r-rimedju mitlub se jinghata, ghax il-Qorti ghad trid tisma' l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni li nqatghet, imma l-Qorti hi tal-fehma li rimedju jista' jinghata …*

Issir ukoll referenza ghall-kawza Ingliza fl-ismijiet **American Cyanamid Co vs Ethicon Ltd** [1975] 1 AII ER 504 [1975] AC 396, fejn il-House of Lords stabbiliet linji gwida ghall-qrati meta dawn jigu biex jistabilixxu jekk ikunx hemm htiega ta` *interim measures.* Hemm inghad illi : (i) il-qorti m`ghandhiex taghti konsiderazzjoni ghal provi konfliggenti li jgibu l-partijiet billi dawn fis-sostanza taghhom ikunu qeghdin jolqtu l-mertu ; kwalsiasi decizjoni fil-mertu ghandha tinghata fil-gudizzju finali ; (ii) ir-rikorrenti ghandu jillimita ruhu illi jressaq prova illi hemm bazi ghall-allegazzjoni tieghu ; (iii) il-qorti ghandha tqis jekk fil-kaz illi ma jinghatax *interim order*, ikunx hemm rimedju iehor disponibbli ghar-rikorrent ; jekk dak ir-rimedju jkun effettivament disponibbli allura l-qorti m'ghadhiex taghti rimedju *interim.* Dawn il-principji gew kienu riaffermati fid-decizjoni tal-Court of Appeal Ingliza fil-kawza fl-ismijiet **Pringle vs Callard** [2008] 2 BCLC 505.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrenti jsostnu t-talba taghhom ghall-ghoti ta` *interim order* billi jilmentaw illi bhala azzjonisti ta` minoranza (u d-diretturi li jirrapprezentawhom) qeghdin jinzammu *all`oscuro* ta` dak li qed isir mill-azzjonisti ta` maggoranza (kif rapprezentati fil-bord tad-diretturi) dwar il-mod kif qeghdin jitmexxew l-affarijiet tal-kumpannija.

Kif anke rrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors, qeghdin jilmentaw illi waqt illi qeghdin jigu assikurati li l-kontijiet tal-kumpannija jinsabu *in ordine* u li l-kredituri qeghdin jithallsu, sabu li kien hemm kredituri ohra li ma kienux jafu bihom li mhux biss ma thallsux izda li sahansitra pprezentaw kawza biex jithallsu (ara d-dokument li kien esebit fil-kors tal-udjenza tas-smigh tar-rikors). Skont ir-rikorrenti, b`din l-imgieba, il-pregudizzju taghhom qieghed jizdied anke ghaliex qeghda tkompli taggrava ruhha l-isfiducja taghhom fid-diretturi Cauro u Perez li effettivament imexxu l-kumpannija. Ir-rikorrenti jaghmlu l-punt anke ghall-fini tal-proceduriment tal-lum illi ghalkemm l-azzjonisti ta` maggoranza kienu ilhom ix-xhur ighidu jghidu li lesti jaslu ghal transazzjoni maghhom, baqghu ma waslux ghaliex jidher (skont kliemhom) li ma kienux waslu ghall-finanzjament li jrid jsostni t-transazzjoni. Ir-rikorrenti jkomplu jghidu li ghalkemm il-possibilita` ta` transazzjoni mhijiex qeghda tostakola l-andament tal-kawza dwar il-mertu billi qed ikompli l-gbir tal-provi, jibqa` l-fatt li l-incertezza li holqu l-kontroparti qeghda taggrava s-sitwazzjoni ; ghalhekk talbu l-Qorti biex taghti *interim order*.

Min-naha taghhom, l-intimati jilqghu ghat-talbiet tar-rikorrenti billi, wara li jirreferu ghal provvedimenti ohra dwar mizuri *interim* li kienu rikjesti mir-rikorrenti, jikkontendu li l-procediment tal-lum huwa biss tentattiv ta` dawn sabiex igibu provi godda li jiswew ghall-kawza fil-mertu meta l-istadju tal-provi taghhom huwa maghluq stante li l-kawza tinsab fl-istadju tal-provi tal-intimati. Apparti dan, isostnu li ma hemmx htiega ta` *interim orders* godda jew aktar miftuha minn dawk diga` fis-sehh tenut kont tal-jeddijiet li tippermetti l-ligi li jkollhom ir-rikorrenti bhala azzjonisti fit-tmexxija tal-kumpannija.

Dan premess, u bla ma tidhol fil-mertu tal-kawza bejn il-partijiet, din il-Qorti tosserva illi fi procediment iehor dwar talba ghal *interim order* bejn l-istess partijiet diga` kellha l-okkazjoni tesprimi t-thassib taghha dwar dak dikjarat bil-gurament minn Olivier Cauro. Tibqa` mhassba sal-lum anke minhabba l-fatt illi mpenn li kien ghamel Cauro quddiem il-qorti waqt li kien qed jixhed baqghet ma gietx imwettqa. Aghar minn hekk baqa` lura milli jaghti informazzjoni

sodisfacjenti li accetta li jaghti. Il-Qorti tishaq illi n-nuqqas da parti ta` Cauro u ta` Perez li jaghtu taghrif preciz u trasparenti mhux f`xi stadju kwalunkwe tar-relazzjoni bejn il-partijiet, izda meta ghadu fis-sehh it-tentattiv ta` transazzjoni li ghandu bhala fini t-trasferiment tal-ishma tar-rikorrenti u l-akkwist taghhom minn GPSL *jista`* jkollu effett negattiv serju fuq il-mod kif qeghdin ikunu kondotti l-affarijiet tal-kumpannija, billi tkun qeghda tkompli titqieghed fid-dubju l-fiducja tant vitali bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat :**

Il-Qorti tirreferi ghall-provvediment li tat fil-31 ta` Ottubru 2017 fejn bhala mizura *interim* ordnat illi :

> *Ghaz-zmien kollu li tibqa` pendenti l-kawza principali bejn il-partijiet fl-istess ismijiet (Rikors Nru. 571/2017 JZM), u b`effett mil-lum, qeghda tahtar lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala direttur iehor tas-socjeta` intimata Pefaco International plc (C65718), bis-setghat u bid-dmirijiet kollha li jirrizultaw kemm mill-istatut tas-socjeta` u kif ukoll mil-ligi.*
>
> *Tidderiegi lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono sabiex bhala direttur jikkonserva, jipprotegi u jhares l-interessi tas-socjeta` Pefaco International plc.*
>
> *Tordna lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono sabiex ghaz-zmien kollu li jibqa` direttur tas-socjeta` Pefaco International plc jassikura li hadd mill-membri taghha ma jbati l-ebda xorta ta` oppressjoni, pregudizzju jew diskriminazzjoni.*
>
> *Tordna illi provvizorjament kwalsiasi drittjiet u spejjez li jkunu dovuti lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono fl-esercizzju tad-dmirijiet tieghu bhala direttur jithallsu provvizorjament mir-rikorrenti, liema spejjez u drittijiet ikun mbaghad definiti fil-gudizzju finali dwar il-mertu.*

**Ikkunsidrat :**

Wara li rat l-atti u semghet is-sottomissjonijiet illi saru fl-udjenza tal-4 ta` Settembru 2018, il-Qorti qeghda twarrab l-argument li ghamlet GPSL dwar il-ftuh mill-gdid tal-provi tar-rikorrenti. Bhala fatt l-istadju tal-provi tar-rikorrenti fil-kawza fil-mertu huwa maghluq. Kwalsiasi talba li tista` ssir mir-rikorrenti sabiex jergghu jifthu l-provi taghhom ttkun regolata b`dak li tghid il-ligi. Billi ma saret ebda talba f` dan is-sens mir-rikorrenti l-kwistjoni tibqa` fil-kamp tal-ipotesi, xejn izjed.

Dwar ir-rwol li ghandu l-Av. Richard Galea Debono, din il-Qorti tishaq illi l-funzjoni ta` Dr Galea Debono hija *sui generis.* Kien mahtur bhala direttur ta` Pefaco *pendente lite* minn din il-Qorti stess bhala mizura *interim.* Ghalkemm bhala direttur diga` nghata s-setghat u d-dmirijiet kollha li jirrizultaw mill-istatut tas-socjeta` u kif ukoll mil-ligi, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun illi bil-provvediment tal-lum twessa` s-setghat tieghu sabiex taccerta ruhha li b`mod effettiv ikun ippreservat l-*status quo* fil-kumpannija u b`hekk ikun qed jassikura li hadd mill-membri ta` Pefaco *pendente lite* ma jgarrab dak li ma jridx l-Art 402(1) tal-Kap 386.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghhom tal-10 ta` Gunju 2018 billi :**

**Tikkonferma bis-shih il-provvediment taghha tal-31 ta` Ottubru 2017.**

**Testendi s-setghat u d-dmirijiet li nghata l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bil-provvediment taghha tal-31 ta` Ottubru 2017 :**

**a) billi taghtih is-setgha li jissorvelja t-tmexxija tal-kumpannija Pefaco International plc billi jkollu access shih u dirett ghad-dokumenti**

kollha tal-kumpannija, inkluz il-kotba tal-kontijiet u l-kontijiet bankarji taghha.

b) billi taghtih is-setgha li jitlob u li jinghata kull taghrif u dokument li jkun jehtieg sabiex iwettaq l-inkariku li nghata kemm bil-provvediment tal-31 ta` Ottubru 2017 kif ukoll dan tal-lum.

Tordna lid-diretturi ta` Pefaco International plc sabiex jaghtu lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono access shih u liberu ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti tal-kumpannija sabiex ikun jista` jaqdi l-inkariku li nghata kemm bil-provvediment tal-31 ta` Ottubru 2017 kif ukoll dan tal-lum. Din l-ordni tghodd ukoll ghad-dirigenti tal-kumpannija. Min jonqos, kemm jekk ikun direttur, kif ukoll jekk ikun dirigent, ikun passibbli ghal proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Kull fejn l-Avukat Dottor Richard Galea Debono jkun jehtieg l-assistenza ta` esperti sabiex ikun jista` jaqdi b`mod shih u ahjar l-inkariku li nghata kemm bil-provvediment tal-31 ta` Ottubru 2017 kif ukoll dan tal-lum ghandu jirrikorri quddiemha ghal direzzjoni. L-istess ghandu jaghmel dwar kull haga ohra li jidhirlu li ghandha tingieb ghall-attenzjoni taghha sabiex taghti direzzjoni.

Tordna illi anke fil-kaz tal-provvediment tal-lum kwalsiasi drittijiet u spejjez li jkunu dovuti lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono fl-esercizzju tad-dmirijiet tieghu bhala direttur ghandhom jithallsu provvizorjament mir-rikorrenti, liema spejjez u drittijiet ikunu mbaghad definiti fil-gudizzju finali dwar il-mertu.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur